

Brussell, 22 ta' Meju 2023
(OR. en)

8745/23

CO EUR-PREP 12

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (29 u 30 ta' Ġunju 2023) – Abbozz ta' aġenda annotata

F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li għandu l-Preżidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill u mal-President tal-Kummissjoni, għandu jippreżenta abbozz ta' aġenda annotata lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali.

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' aġenda annotata ppreżentata mill-President tal-Kunsill Ewropew, fejn huma mniżżlin il-punti ewlenin li l-Kunsill Ewropew mistenni jindirizza fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Fid-dawl tad-diskussjoni finali li għandha ssir fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-ħamest ijiem ta' qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jfassal l-aġenda proviżorja.

I. UKRAJNA

Il-Kunsill Ewropew ser jevalwa l-aħħar żviluppi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Ser jerġa' jeżamina wkoll l-aspetti kollha tar-rispons tal-Unjoni, kif ukoll l-appoġġ kontinwu sod u multidimensjonali tagħha lill-Ukrajna u l-poplu tagħha.

II. EKONOMIJA

Il-Kunsill Ewropew ser jagħti segwitu għall-konklużjonijiet tiegħu dwar il-politika industrijali u dwar is-Suq Uniku u l-kompetittività u l-produttività fit-tul tal-Ewropa. F'dak il-kuntest ser jieħu nota tar-rappurtar mill-Presidenza tal-Kunsill u mill-Kummissjoni, mitlub f'Marzu 2023. Il-Kunsill Ewropew ser jindirizza wkoll is-sigurtà u r-reżiljenza ekonomika tal-Unjoni.

Il-Kunsill Ewropew ser jiddiskuti s-sitwazzjoni ekonomika u jkollu skambju ta' fehmiet dwar ir-riforma tal-governanza ekonomika.

Il-Kunsill Ewropew ser jiġi mistieden japprova r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi integrati u jikkonkludi s-Semestru Ewropew 2023.

III. SIGURTÀ U DIFIŻA

Il-Kunsill Ewropew ser jevalwa l-progress fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sigurtà u d-difiża. Ser jagħti aktar gwida dwar il-kapaċità tas-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-akkwist, l-investment u l-produzzjoni.

Il-Kunsill Ewropew ser jiddiskuti wkoll il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO, inkluż qabel is-Summit tan-NATO f'Vilnius.

IV. RELAZZJONIJIET ESTERNI

Il-Kunsill Ewropew ser ikollu diskussjoni strateġika dwar iċ-Ċina.

Il-Kunsill Ewropew ser iħejji s-summit li jmiss bejn l-UE u s-CELAC.

Skont il-ġrajjet li jseħħu, il-Kunsill Ewropew jista' jindirizza kwistjonijiet speċifiċi oħra ta' politika barranija.

V. PUNTI OĦRA

Il-Presidenza tal-Kunsill u l-Kummissjoni ser jinfurmaw lill-Kunsill Ewropew dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet reċenti tiegħu dwar il-migrazzjoni.

Il-Kunsill Ewropew ser jiġi infurmat mill-President tiegħu dwar il-proċess lejn l-Aġenda Strateġika 2024-2029.
